

# "Ħal Qormi ġewwa" - *Francis Frendo*

Kull meta kont trid tmur il-Belt jew xi mkien ieħor barra minn Ħal Qormi, kont trid tasal wasla sa Pjazza San Franġisk biex tirkeb tal-linja, li kienu jkunu waħda wara l-oħra mal-bankina ta' fejn il-parapetti. Tajjeb li ngħidu li qed nitkellmu sewwasew ftit wara t-tieni gwerra, lejn l-aħħar tal-erbgħinijiet u l-bidu tal-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Dejjem kien ikun hemm tnejn, u laħaq li kien hemm tlieta, jistennew biex jgħabbu. Kien ikun hemm ħames trakkijiet kuljum bejn il-Belt u Ħal Qormi ġewwa. Tal-linja li kienu jaħdmu fuq Ħal Qormi kellhom il-kulur isfar u fuq il-faxxa tad-dawra tat-trakk, li kienet ukoll safra, kien hemm miktub "Valletta-Żebbuġ", għax propjament din il-linja kienet ta' Ħaż Żebbuġ u kienu jinqdew biha wkoll ta' Ħal Qormi ġewwa u aktar tard ta' fejn San Bastjan. Tal-linja kienet twasslek sa fejn Bieb il-Belt.

Mal-ħġieġa ta' quddiem kien ikun hemm it-tabella "St.Francis", li tfisser li din il-karozza twasslek sa Pjazza San Franġisk Ħal Qormi meta tkun ġej lura mill-Belt għal Ħal Qormi. Malli titlaq, il-kunduttur jiġi jiġbor in-noll, li jiena niftakru li kien 2½d (żewġ soldi u nofs), madwar 2 ċenteżmi u nofs ta' ewro llum, u tat-tfal xi 1½d (sold u nofs), daqs 1 ċenteżmu u nofs ta' ewro llum. Aktar tard in-noll sar 3d (tliet soldi) u mbagħad 4d (erba' soldi). Inti u tiela' l-istaffa tal-karozza, li ġeneralment kien ikun hemm żewġ refgħat ta' staffi, kien ikun hemm kaxxa żgħira tal-injam jew tal-landa, miżbugħa bajda, li fuqha kien ikun hemm miktub "Kaxxa għall-biljetti wżati", u wkoll bl-Ingliż, "Box for used tickets". Il-kunduttur kien ikun bil-beritta bħal tal-pulizija u kien jilbes bluża sal-irkoppa kulur il-kakì. Ix-xufier kien jilbes bejn wieħed u ieħor l-istess, imma meta kienu jkunu fuq il-linja dejjem bil-beritta, għax inkella t-tnejn li huma jeħlu ċitazzjoni mingħand il-pulizija li kienu jikkontrollaw it-traffiku minn fuq il-muturi.

Wara li jiġbor in-noll, il-kunduttur kien joqgħod quddiem, fuq it-tieni staffa tal-'bieba', li ma kienet bieba xejn, għax ma kellhiex biex tingħalaq. Meta tal-linja tkun mimlija, kont tisimgħu jgħid lil kull min ikun bilwieqfa "għaddu 'l ġewwa" u meta jkun se jitlaq minn fuq l-*istage*, kont tisimgħu jsaffar dik it-tisfira li għax-xuffier kienet tfisser li kulħadd tela' u li kollox sew, jista' jsuq. Għal min m'għandux ċerta età u llum imdorri jirkeb il-karozzi tal-linja moderni, bil-kumditajiet li fihom, tajjeb infakkru li l-karozzi tal-linja li

*ikompli f'paġna 76*

qed nitkellmu fuqhom hawn, mhux biss bieba tingħalaq ma kellhomx, imma lanqas ċerti faċilitajiet li llum imdorrijin bihom. Pereżempju l-qanpiena: illum biex tagħmel sinjal lix-xufier li trid tinżel fi *stage* jew ieħor, kemm tagħfas buttuna u x-xufier ikun jaf li hemm xi ħadd li jrid jinżel. Dari ma kienx hekk. Kien ikun hemm żewġ tulijiet ta' ħabel, waħda kull naħa, għaddejjin minn ġo ħoloq imwaħħlin mas-saqaf imqammar tal-karozza, li kienu jaslu sal-kabina tax-xufier u kienu jkun marbutin ma' qanpiena. Biex tgħarraf lix-xufier li ridt tinżel f'xi *stage*, kont trid tqum bilwieqfa u tiġbed waħda l-ħabel biex iddoqq il-qanpiena. U għal dawk li kienu jkunu bilwieqfa, kien hemm imqabad, aktarx tal-ġilda, marbutin ma' żewġ pajpijiet imwaħħlin tul is-saqaf tal-karozza, biex wieħed iżomm magħhom matul il-vjaġġ.



*178 minn Tas-Sliema sal-Belt (c 1900's)*

Fuq ġewwa tal-karozza tal-linja, mal-kabina tas-sewwieq, tħares għal fuq min kien ikun bilqiegħda, kien ikun hemm niċċa żgħira li ġo fiha ġeneralment kien ikun hemm xbieha tal-Qalb ta' Ġesu' u ta' Marija, jew tal-Qalb ta' Ġesu biss, jew ta' xi qaddis bħal San Ġorġ, jew xi statwa tal-Madonna. U jekk sid it-trakk kien ikun Żebbuġi, kien iqiegħed xi xbieha ta' San Filep jew ta' San Ġużepp. Fuq il-kabina xi minn daqqiet kont issib ukoll xi kwotazzjoni bħal "Verbum Dei Caro Factum Est" jew "In God we trust" jew xi ħaġa oħra.

Tal-linja kienet titlaq minn Pjazza San Franġisk, tgħaddi minn Triq il-Kbira San Ġorġ u tieqaf fl-ewwel waqfa li kienet fejn Żura ta' Ħaraq, li kienet bil-ħanut tal- fajjenza. Illum il-ħanut għadu hemm, imma b'ġeneru ieħor u qiegħed quddiem il-fetħa ta' Triq Aniċi. Fuq in-naħa l-oħra, Mikiel tal-ħelu. Dan Mikiel kien mill-Belt Valletta u kellu d-dolċerija, flimkien mad-dar fejn kien joqgħod bil-familja, fejn illum hemm bar. Mal-ġenb ta' din id-dolċerija sew, kien hemm l-iskola tas-Sorijiet Agostinjani, li fiha kont immur jiena. Din l-iskola niftakarha li anke "boarders" bniet kellha. Illum flok l-iskola hemm "Dar Bjorn".

Malli tasal ftit 'il hemm fejn is-sqaq tas-Sorijiet Agostinjani, tal-linja kienet tiġbed għal Triq San Bartilmew għal fejn l-istatwa u l-knisja ta' San Bastjan, li dak iż-żmien kienet għadha l-knisja parrokkjali. Tkompli 'l isfel għal quddiem il-każin tal-banda Pinto, fejn kien hemm it-tieni waqfa. Minn hemm kienu jirkbu ħafna nies waqt il-ħin tax-xogħol, tant li ġieli mtliet. U ġieli wkoll baqgħet sejra għax tkun diġà mtliet minn fejn l-abatija. Aktar tard, quddiem il-każin tal-Banda Pinto, billi kien ikun hemm ħafna nies jistennew biex jirkbu, kienu għamlu linja oħra u t-tabella mal-ħġieġa ta' quddiem tal-karozza tal-linja kienet tkun "San Bastjan". It-tielet waqfa kienet fit-tarf (dak iż-żmien) ta' Ħal Qormi, jiġifieri fejn l-għajn tal-bhejjem, illum quddiem Triq Is-Sienja. Hawnhekk kienu jitilgħu ftit passiġġieri meta mqabbla ma' bnadi oħra. Hemmhekk ma kienx bħal-lum, għax kien it-tarf ta' Ħal Qormi u la l-appartamenti tal-Gvern ma kienu għadhom inbnew u lanqas dak il-bini u t-toroq li hemm issa.

*ikompli f'paġna 82*

Minn hawn sal-bidu tal-Ħamrun konna ngħaddu mit-triq li kienet kollha bil-ħitan tas-sejjieħ. Imma qabel konna ngħaddu minn fuq l-arkata ta' fejn l-erba' qaddisin. Din l-arkata hi xogħol ta' inġinerija kbira. Ir-raba' waqfa kienet tkun dik ta' fejn qabel kien hemm il-fabbrika tal-għaġin. Hemm kienu jinżlu xi nies li kienu jmorru lejn il-korsa tal Marsa. Quddiem il-fabbrika tal-għaġin, minflok il-Posta, kien hemm il-fabbrika ta' Calders li kienet tagħmel il-birra u li mbagħad waqqfet il-produzzjoni tagħha. Din il-fabbrika kienet bdiet tinbena qabel il-gwerra u tkompliet wara. Il-vjaġġ tagħna kien ikompli għaddej minn Triq Ħal Qormi u l-waqfa li kien imiss, li kienet il-ħames waħda, kienet fi Triq Ħal Qormi, il-Ħamrun, fejn il-parapetti li kienu bl-arkati. Minn hawn kienu jgħabbu ħafna waqt il-ħin tax-xogħol, imma waħdiet f'ħinijiet oħra.

Minn din il-waqfa tal-linja kienet tibqa' sejra 'l isfel u kienet tibqa' għaddejja minn Triq Ħal Qormi (għax dak iż-żmien ma kinetx "One Way") u tieqaf fis-sitt waqfa tagħha, fejn illum hemm il-każin l-antik tal-partit tal-ħaddiema. F'dan l-*istage* kienu jiżlu dawk li jkollhom bżonn li jmorru għal xi żjara fl-isptar San Luqa u min kien jaħdem il-magna tal-ħalib (M.M.U.). Minn hemm kien jgħabbi mhux ħażin. Billi fil-Ħamrun kien hemm ħafna ħwienet tal-għamara, ħdejn il-pjazza tal-Ħamrun, li kellha ħafna iktar ħajja milli għandha llum, kien ikun hemm xi tliet trakkijiet jistennew lil xi ħadd ġej, biex jgħabbu xi vjaġġ għamara għal xi mkien. Minn Triq Ħal Qormi tal-linja kienet tgħaddi mill-pjazza tal-Ħamrun imma ma tgħabbix (għax minn hemm kienu jgħabbu l-karozzi ta' Birkirkara) u tibqa' sejra għas-seba' waqfa tagħha fi Triq il-Kbira, il-Ħamrun, kantuniera ma' Triq Schembri.

It-tmien waqfa kienet il-Blata l-Bajda: hawn kienu jinżlu l-ħaddiema Qriema li kienu jaħdmu x-xatt u li ma kinux ftit, u kull min kien se jmur biex jaqbad karrozza oħra lejn in-naħa t'isfel ta' Malta. Hawnhekk, fin nofs, kien ikun hemm pulizija fuq pjattaforma għolja u bit-tinda għax xemx u x-xita, biex jidderieġi t-traffiku li jkun tiela' mill-Marsa u dak li jkun ħiereġ mill-Ħamrun, flimkien ma' dak li jkun ħiereġ mill-Belt għall-Marsa u l-Ħamrun. Ta' min jgħid li l-*flyover* li hemm illum ma kinetx hemm u t-toroq kienu jidħlu ġo xulxin. Flok il-knisja tal-Midalja Mirakoluża u l-bini tal-Museum, kien hemm ċimiterju antik u li kien intlaqat bil-bombi tal-gwerra. Id-disa' waqfa kienet tkun il-Bombi, fejn kienu jinżlu n-nisa u l-ħaddiema li kienu jaħdmu lejn tas-Sliema u San Ġiljan u lil hinn. Hawn ukoll konna niltaqgħu ma' pulizija ieħor fin-nofs, taħt tinda bħal dik tal-Blata l-Bajda, biex imexxi u jwaqqaf it-traffiku skont kif kien ikun hemm bżonn. Għax l-istess bħal fil-każ tal-Blata l-Bajda, dik il-*flyover* tal-Bombi ma kinetx għadha nbniet. L-għaxar waqfa kienet il-Floriana, ħdejn il-kwartieri tal-i*scouts*, filwaqt li l-ħdax-il waqfa kienet fejn il-Mall. Minn hemm tal-linja kienet tibqa' sejra fil-venda tal-Belt, biex tistenna li tibda l-vjaġġ tagħha lura lejn Ħal Qormi "St.Francis".

Meta kulħadd ikun lesta mix-xiri u l-qadi li jkun għamel, jew spiċċa mix-xogħol, kulħadd kien ikun fuq ix-xwiek biex jerġa' jaqbad tal-linja, dejjem bit-tabella "St. Francis". Jekk ma kontx tkun trid tistenna, kont tirkeb ma' ta' Ħaż-Żebbuġ li allura mbagħad kont trid timxi minn San Bastjan għal ġewwa. Inkella tinżel fejn il-Vitorja, għax dak iż-żmien Triq il-Vitorja ma kinetx "One Way" u tal-linja kienet tgħaddi mill-pjazza tal-Vitorja. It-triq lura lejn Ħal Qormi kienet l-istess minn fejn tal-linja tkun għaddiet hi u sejra lejn il-Belt.



*177 it-trakk li kellu l-Billy Boy tal-Marsa u kienet taħdem fuq il-linja ta' Bormla (c 1936)*

Waqt il-vjaġġ lura lejn Ħal Qormi, l-kunduttur kien joqgħod fuq it-tieni staffa u malli jasal fuq l-*istage* kien jgħajjat dik l-għajta: "Ħal Qormi ġewwa!" Din l-għajta kien jagħmilha fuq kull *stage* fejn kienet tieqaf tal-linja matul it-triq lura lejn Ħal Qormi. Mhux l-ewwel darba li żewġ karozzi tal-linja, waħda ta' Ħaż-Żebbuġ u l-oħra ta' Ħal-Qormi Ġewwa, kienu jiltaqgħu flimkien fuq xi *stage*. Il-kunduttur tas-St. Francis kien jgħajjat "Ħal Qormi ġewwa", u jekk xi ħadd kien ikun sejjer jirkeb ma' ta' Ħaż-Żebbuġ u jisma' din l-għajta, jerġa' lura u jirkeb ma' tas-St Francis.

L-ewwel waqfa fil-vjaġġ bejn il-Belt u Ħal Qormi kienet il-Floriana, kif tibda. Dawk il-loġoġ li hemm illum, kienu għadhom qegħdin jinbnew mill-ġdid wara l-ħerba tal-gwerra. It-tieni waqfa kienet il-Bombi: hawn kienu jirkbu dawk li, waqt li jkunu ġejjin min-naħa ta' tas-Sliema, kienu jippreferu jinżlu l-Bombi flok jibqgħu deħlin sal-Belt. It-tielet waqfa kienet fejn illum hemm il-bini tal-Museum. Minn hawn kienu jitilgħu dawk li kienu jkunu ġejjin min-naħa ta' isfel ta' Malta jew il-ħaddiema tax-xatt. Kien hemm ir-raba' waqfa quddiem Triq Schembri l-Ħamrun. Meta kien ikun hemm xi attività fit-teatru "Radio City", jew xi film sabiħ, kont tinduna għax minn dan l-istage kienu jirkbu ħafna. Il-ħames waqfa kienet fi Triq Ħal Qormi, il-Ħamrun, fejn il-kerrejja "Okella Agius". Minn dan l-*istage* kienu jirkbu lura lejn Ħal Qormi dawk kollha li kienu jmorru l-Ħamrun għax-xiri, jew għal xi qadi personali tagħhom jew, kif diġà għidna, il-ħaddiema tal-magna tal-ħalib, u dawk li jkunu ġejjin minn xi żjara fl-isptar San Luqa.

Wara din il-waqfa kien imiss is-sitt waħda, li kienet Triq Ħal Qormi kantuniera ma' Triq San Mikiel. Dan kien l-*istage* tiegħi għal numru ta' snin meta kont noqgħod il-Ħamrun. Minn hawn tal-linja kienet tibqa' nieżla għal waqfa oħra, li kienet is-seba' waħda, fejn illum hemm l-uffiċċju ġenerali tal-posta. Minn hawn kienu jirkbu dawk li jkunu ġejjin mill-korsa taż-żwiemel, u wara li jispiċċaw it-tiġrijiet kienu jirkbu mhux ħażin. Kien hemm ukoll min kien jimxiha sa Ħal Qormi. Minn hemm, tal-linja kienet tibqa' sejra għat-tmien waqfa, li kienet fi Triq San Bastjan, ftit 'il fuq minn fejn illum hemm Triq il-Ġnien (għax fiż-żmien li fuqu qed nitkellmu, Triq il-Ġnien ma kinetx miftuħa). Fi Triq San Bastjan tal-linja kienet terġa' tieqaf, din id-darba quddiem il-każin tal-Banda Pinto. F'din id-disa' waqfa kienu jinżlu ftit nies minn dawk l-inħawi. Minn hemm tal-linja kienet tgħaddi minn fejn tgħaddi lllum, jiġifieri minn Triq San Bartilmew, biex tagħmel l-għaxar waqfa fejn dik li qabel kienet l-iskola "St Monica", fejn illum hemm Dar Bjorn.

Billi Triq Aniċi kienet għadha mhix miftuħa – kif niftakarha tajjeb jien – tal-linja, wara l-waqfa ħdejn l-iskola "St Monica", kienet tibqa' sejra dritt għal pjazza San Franġisk, li kienet il-venda. U allura kienet tidħol lejn San Franġisk daqslikieku ma hemmx 'one way'. U tabilħaqq, dak iż-żmien il-'one ways' ma kinux jeżistu. Min jaf

*ikompli f'paġna 87*



***112 Żurrieq – il-kulur oranġjo miksur (orange livery) Xarabank ta' Peppi r-Rubbu (1960's)***

kemm-il darba fi Triq il-Kbira kienu jiltaqgħu żewġ trakkijiet tal-linja fid-dejjaq u kienu jgħaddu kif jistgħu fejn dik il-biċċa fetħa ta' fejn kien joqgħod Dun Pawl Genovese. (Ta' min jgħid li t-trakkijiet tal-linja ma kinux kbar u wesgħin bħal tal-lum). Kif tal-linja tasal fi Pjazza San Franġisk u tniżżel il-passiġġieri, ix-xufier kien jiġbed għal quddiem il-każin tal-banda San Ġorġ M. u jdur mal-knisja ta' San Franġisk biex jerġa' jiġi fil-venda quddiem il-parapetti, u hemm jistenna sakemm ikun imissu jerġa' jagħmel il-vjaġġ li jmiss għall-Belt Valletta. Wara ħafna żmien il-venda tal-karozzi tal-linja ġiet trasferita għal fejn jintrama l-palk prinċipali fil-festa ta' San Ġorġ M., fi Triq il-Kbira fejn il-knisja ta' San Ġorġ M. U t-tabella "St. Francis" inbidlet - kif kien xieraq - għal "St. George".

Hekk kienet il-ħajja u l-mezz kif kont trid tmur il-belt Valletta u tiġi lura lejn Ħal Qormi fi żminijiet differenti mil-lum.

Nixtieq niċċara xi ħaġa mill-artiklu "Dun Viċenz Azzopardi" li kelli s-sena l-oħra f'din il-pubblikazzjoni, f'paġna Nru 73: Dun Beneditt Axisa kien joqgħod f'Nru 80 Triq Santa Katerina, u mhux Triq il-Kardinal Xiberras.

Minn hawn nixtieq li nawgura lill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ M. għal dan l-ewwel Ċentinarju li qegħdin jiffesteġġjaw mit-twaqqif tiegħu, 1919-2019.Nixtieq wkoll il-Festa t-tajba u sabiħa ta' San Ġorġ M. lill-Qriema kollha mingħajr distinzjoni.


SWAGGER shoe store

**273, Victory Street, QORMI**
**Mob: 9944 5283**
***TISWIJIET TA' ŻRABEN***
***A good selection of shoes at reasonable prices.***
***Nixtiequ l-Festa t-Tajba lil kulħadd.***